# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

**Edizzjoni Nru. 3**
**Frar - Marzu - April 2005**

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt




FESTI ĊENTINARJI KATARINJANI A.D. 305 - 2005

## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonnici*



F'dawn iż-żminijiet tas-sena l-eku qawwi tal-festi Maltin li jkun protagnosita assolut fix-xhur twal sajfin ikun taffa ġmielu, tant li dawk li għalihom il-festa tfisser biss mument ta' divertiment lanqas biss jibqgħu jagħtu kas, sakemm terġa' tasal il-festa tas-sena ta' wara. Iżda dan żgur li ma japplikax għal dawk li jimpenjaw ruħhom fil-preparazzjonijiet kbar u xogħol kontinwu li tirrikjedi festa bħal dik ta' Santa Katarina Verġni u Martri fiż-Żurrieq.

Dawk il-membri ħabrieka miġbura b'tant għożża fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq jafu sewwa li sabiex il-festa tal-Patruna tar-raħal tkun verament waħda mill-aqwa li hawn f'Malta, iridu jimpenjaw ruħhom mhux biss ftit ġimgħat qabel il-festa, iżda matul is-sena kollha.

Aħna kburin li fis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. għadna nsibu nies iddedikati u ppreparati joffru ħafna mill-ħin liberu tagħhom b'tant sagrifiċ-ċju għalihom u għall-familji tagħhom. Huwa verament ta' min ifaħħar dawn l-inizzjattivi għax permezz tagħhom tinżamm qawwija t-tradizzjoni sabiħa tal-festa, sabiex ħafna nies jgħixu mumenti sbieħ fil-ħajja tal-komunità.

Dawn il-membri ħabrieka llum huma organizzati mill-Kumitat Ċentrali f'għadd ta' sotto kumitati li huma lkoll immexxija minn membru ta' l-istess Kumitat Ċentrali, minbarra s-Sezzjoni tan-Nisa għax sa issa għadha qatt ma ġiet eletta xi membru femminili fil-Kumitat Ċentrali, għalkemm irrid ngħid li l-membri femminili jikkumparaw sewwa ma' dawk maskili. Sa issa semmejt biss ix-xogħol relatat mal-festa, li fil-verità huwa tassew kbir, iżda żgur li tapprezzaw li l-membri ħabrieka tas-Soċjetà jkunu wkoll impenjati fit-tkomplija ta' xogħol ta' tisbieħ fil-każin li kulħadd jista' japprezza u jammira. Irrid insemmi wkoll ix-xogħol tal-kostruzzjoni tal-maħżen ta' l-armar tal-festa li issa wasal fi stadju avvanzat ħafna.

Ta' minn ifaħħar lill-membri tas-sezzjoni armar li minbarra l-inkarigu ta' l-armar innifsu daħlu wkoll għall-bini ta' dan il-maħżen. Jekk ngħidilkom li dawn il-membri bi tbatija kbira bnew post ta' erba' sulari, li jinkludi basement, fil-ħin liberu tagħhom, allura tibdew verament tifhmu l-impenn qawwi ta' dawn in-nies.

L-appell tiegħi bħala President attwali ta' din is-Soċjetà lill-membri huwa sabiex inkomplu naħdmu flimkien billi l-ewwel u qabel kollox inħeġġu iktar nies jersqu sabiex jgħinu f'din il-ħidma kemm permezz tax-xogħol, kif ukoll permezz tad-donazzjonijiet tagħkom.

Nixtieq ukoll permezz ta' dan il-ġurnal insellem lill-ħafna membri ġodda li laqgħu l-appelli tagħna u din is-sena għoġobhom jingħaqdu f'din il-familja komunitarja. Inkompli nappella lil dawk il-partitarji li mhumiex membri fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. sabiex jersqu u jkunu kburin li jiffurmaw parti mill-ewwel Soċjetà Mużikali fiż-Żurrieq.

Naf ukoll li dan il-ġurnal qiegħed jasal għand l-għeżież emigranti tagħna għax irċevejna wkoll xi e-mails ta' apprazzament mill-Awstrajla. Forsi dawn ħutna emigranti japprezzaw aktar minna l-importanza ta' dawn l-aħbarijiet tas-Soċjetà tagħna miġbura f'dan il-ġurnal, li issa wasal fit-tielet ħarġa tiegħu. Insellem lil ħutna emigranti mxerrda madwar id-dinja kollha u nappellaw lilhom ukoll għall-membership fis-Soċjetà tagħna. Dawk il-membri li jkunu jixtiequ jakkwistaw kopja żejda sabiex jibagħtuha lill-emigranti għandhom javviċinaw lil xi membru tal-Kumitat, iżda preferibilment għandhom iħeġġuhom sabiex jinkitbu bħala membri u b'hekk jirċievu l-korrispondenza kollha tas-Soċjetà.

Insellem lill-membri tas-Soċjetà kollha u nibgħat l-isbaħ xewqat għal sena mimlija b'kull risq spiritwali u materjali.

J'Alla din is-sena taċ-Ċentinarju timliena bil-kuraġġ u bis-saħħa sabiex flimkien inkomplu nwettqu affarijiet sbieħ li verament jagħtu ġieħ u qima lil Alla u lill-Patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra.




*Matteo Perez d'Aleccio, Santa Katarina ta' Lixandra, 1580. Din il-Pittura tinsab fis-Sagristija tal-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' Santa Katarina V.M. Żurrieq*



# BORD EDITORJALI:


| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Sammut Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Camilleri Anna | Rappreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Emanuel | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |


# EDITORJAL

Insellmilkom. Bdiet sena ġdida u waslet ħarġa oħra tal-gazzetta tagħna. Jidher li l-format tat-tieni edizzjoni ntlaqa' tajjeb ferm minnkom il-membri, u fil-fatt, nixtieq nirringrazzjakom tas-suġġerimenti tagħkom u nistedinkom tibagħtu aktar opinjonijiet, proposti, kif ukoll artikli jew ritratti nteressanti. Kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jagħtina xi leaflets jew inserts biex ninkluduhom jikkuntatjana minnufih. Din il-gazzetta titqassam f'aktar minn 1000 dar. Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk:

*L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona, Soċetà Mużikali Santa Katarina V.M., Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.*

Jista' jkun li xi membri mhux qed jirċievu l-gazzetta fil-ħin minħabba xi problemi fil-posta. Dawn għandhom jinfurmawna minnufih. Nixtieq navża wkoll lil kull min ikun jixtieq xi kopja żejda tal-gazzetta biex javviċina lili jew lil xi membru tal-bord editorjali. Nixtieq ukoll niskuża ruħi għal xi żbalji li jista' jkun hemm fil-gazzetta. Nassigurakom li aħna nagħmlu l-almu tagħna biex kollox ikun perfett, iżda dan mhux dejjem jiddependi minna biss. Qabel nagħlaq, nixtieq nirringrazzjakom ta' l-attendenza tagħkom kemm fl-attivitajiet tal-każin, kif ukoll fl-attivitajiet marbuta mal-festi taċ-Ċentinarju, u nħeġġiġkom tkomplu tikkoperaw kif dejjem għamiltu.

Fl-aħħar nett, nixtieq f'ismi u f'isem il-bord editorjali nawguralkom sena mimlija barka u paċi, sena li jiena ċerta se tkun waħda memorabbli għal dawk kollha li bħalna huma devoti ta' Santa Katarina V.M. ta' Lixandra.

*Lorna Darmanin - Editriċi*

## ATTIVITAJIET ORGANIZZATI MILL-KAŻIN TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M. ŻURRIEQ FIT-TLIET XHUR LI ĠEJJIN (dettalji fis-sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)

| | | |
|---|---|---|
| 04/02/2005 | 4.00pm | Party tal-Karnival għat-tfal fil-Każin |
| 06/02/2005 | | Banana Power |
| 19/02/2005 | 7.00pm | Programm Mużikali mill-Banda Santa Katarina V.M. ġewwa l-Università |
| 25/02/2005 | 6.00pm | Quddiesa u festin fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Nisa |
| 28/02/2005 - 02/03/2005 | | 7.00pm- Eżerċizzi tar-Randan fil-Każin |
| 05/03/2005 | | Ġurnata Katanja |
| 06/03/2005 | | Banana Power |
| 10/03/2005 - 13/03/2005 | | Maratona tal-Liedna fil-Każin |
| 11/03/2005 | 7.00pm | High Tea fil-Każin |
| 20/03/2005 | 10.30am | Programm ta' Marċi Funebri fi Pjazza Repubblika |
| 27/03/2005 | | Banana Power |
| 29/03/2005 | | Ħarġa għat-tfal - film |
| 10/04/2005 | | Banana Power |
| 11/04/2005 - 17/04/2005 | | Bazaar fil-Maħżen il-Ġdid |
| 23/04/2005 | | Serata Mużiko Letterarja "Lilek Għażlu u ħabbew Missirijietna" fil-Każin |





**Illusions Ltd.**
46/47, Marina Street,
Marsascala ŻBR 010
Tel: (+356) 2163 9904
Fax: (+356) 2133 0667
Mob: (+356) 7997 9999
E-mail: mapace@vol.net.mt
mapace2@hotmail.com



# Rokna tan-Nisa - *Anna Camilleri*



*Il-Festin tat-Tfal - Milied 2004*

Għeżież membri,

Kif kont ħabbartilkom, din is-sena qed niċċelebraw il-25 anniversarju ta' l-ewwel Sezzjoni Nisa fiż-Żurrieq. Il-Ġimgħa 25 ta' Frar 2005 fis-6.00pm se nagħmlu quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina fejn huma mistiedna l-membri u d-devoti kollha tal-Patruna tagħna Santa Katarina. Wara l-quddiesa se jsir festin fis-Sala tal-Każin tagħna biex niċċelebraw din l-okkażjoni.

Fil-bidu ta' Frar se joħorġu applikazzjonijiet għal kwiż tat-tfal. Dan il-kwiż jifforma parti mill-programm taċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sbatax-il Ċentinarju mill-Martirju ta' Santa Katarina V.M. Dan il-kwiż se jkun fih ħafna tagħrif interessanti dwar il-parroċċa tagħna u dwar iż-Żurrieq. Dan se jkun maqsum f'żewġ kategoriji: waħda għat-tfal ta' taħt it-tnax-il sena, u kategorija oħra għat-tfal bejn it-tnax u s-sittax-il sena. Inħeġġu lilkom membri sabiex tinkoraġġixxu lit-tfal tagħkom jieħdu sehem f'dan il-kwiż.



*Membri Nisa waqt Hight Tea fil-Każin*

Il-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2005 fis-7.00pm: High Tea fil-Każin.

It-Tlieta 29 ta' Marzu, meta t-tfal ta' l-iskola jkunu bil-vaganzi ta' l-Għid, se norganizzaw ħarġa għat-tfal, fejn se noħduhom jaraw film. Id-dettalji jingħataw aktar tard.

Aktar dettalji dwar xi Coffee Mornings u High Teas oħra jingħataw aktar 'il quddiem matul dawn it-tliet xhur mill-membri tal-kumitat tan-nisa. Saħħa.

# Għalikom it-tfal - *Anna Maria*

## *Santa Katarina VM - Magħrufa mad-dinja kollha*



*Kwadru ta' Santa Katarina V.M. ta' Lixandra li jinsab fil-Portugall*

Kif intom tfal? Hadtu pjaċir matul il-festi tal-Milied? Jien ċerta li kulħadd ħa gost u kulħadd irċieva ħafna rigali sbieħ. Illum xtaqt inkellimkom ftit dwar il-qima lejn Santa Katarina, mhux fiż-Żurrieq jew fiż-Żejtun, iżda f'pajjiżi oħra madwar id-dinja. Ftit ilu kont qed infittex xi nformazzjoni fuq l-internet u tgħidx kemm sibt informazzjoni dwar Santa Katarina ta' Lixandra. Sibt informazzjoni dwar il-ħajja tagħha, dwar pitturi tagħha kif ukoll dwar parroċċi oħra li wkoll imsemmijin għal Santa Katarina ta' Lixandra. Tfal, min għandu l-internet jagħmel sew li jfittex fuq dawn il-websites għax dawn juruna kemm il-qima lejn Santa Katarina madwar id-dinja hija kbira.

Fil-website tan-National Gallery ta' Londra (mużew kbir tal-pittura) www.nationalgallery.org.uk, hemm sezzjoni sħiħa li titratta l-pitturi li juru lil Santa Katarina ta' Lixandra. Fil-website www.dnaco.net insibu talba bl-Ingliż lil Santa Katarina ta' Lixandra, patruna ta' l-istudenti. Il-website www.stcatherinetemecula.org hija l-website uffiċjali ta' parroċċa dedikata lil Santa Katarina ta' Lixandra, f'Kalifornja fl-Istati Uniti. Website oħra nteressanti hija dik ta' skola dedikata lil Santa Katarina ta' Lixandra, ukoll f'Kalifornja - www.stcaschool.org. Insomma, dawk huma erba' mill-websites kollha illi sibt. Diffiċli biex nagħtihomkom kollha. U tinsewx il-website tas-Soċjetà tagħna: www.stcatherineband.org.mt.

Għal darb'oħra għandna kompetizzjoni għalikom. Għandkom tliet mistoqsijiet faċli ħafna.

1. X'kien jismu l-kappillan li għamel il-pjanta tal-knisja tagħna? (Dun Matteolo Saliba, Dun Marjano Gerada, Dun Ġużeppi Zammit).
2. Kemm-il sena ilu li sar il-martirju ta' Santa Katarina VM? (17-il sena, 1700 sena, 350 sena).
3. Għaliex Mattia Preti kien ġie joqgħod iż-Żurrieq? (Għax f'Malta kien hawn il-pesta, Għax ommu kienet miż-Żurrieq, Għax ried ipinġi fiż-Żurrieq).

Tafuhom? Issa ibagħtu r-risposti tagħkom fl-indirizz: Kompetizzjoni għat-Tfal, Newsletter, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Niskużaw ruħna ta' xi żbalji tal-printing li kien hemm fil-crossword tal-edizzjoni li għaddiet. Madanakollu, nirringrazzjaw lil dawk kollha li xorta bagħtu r-risposti tagħhom. Ir-rebbieħa tat-tieni edizzjoni huma Kurt Camilleri u Maria Camilleri, li se jirċievu mingħandna 'soft toy' vera gustuż. Prosit!



## Sotto Kumitat Armar - *Joey Darmanin*



*L-Induratura tal-iskultura tal-pilandri*

Il-ħin ma jistenna 'l ħadd, u tliet xhur oħra għaddew biex nerġgħu noħorġu din in-newsletter illi ntlaqgħet ferm tajjeb minnkom il-membri, u b'hekk nagħtu rendikont ta' dak kollu li jkun qed isir mis-sotto kumitat tagħna. Nassigurakom li din is-sena hija waħda mpenjattiva għalina, sew min-naħa ta' xogħol u anke min-naħa ta' finanzi. Se nagħtikom ftit idea tax-xogħol kbir li qed isir din is-sena. Għalkemm hawn min jaħseb li l-festa għadha 'l bogħod aħna nħossu ż-żmien jippressana, però żgur mhux se naqtgħu qalbna, speċjalment meta nafu li hemm il-Patruna tagħna Santa Katarina dejjem iżżomm idejha fuqna.

**Maħżen.** Kif ħafna jistgħu jaraw, ix-xogħol fuq il-bini tal-maħżen qed isir b'ritmu mgħaġġel. Issaqqaf it-tieni sular, inagħtat l-art ta' l-ewwel sular, qed tinbena l-kamra tal-lift u t-tromba tal-bejt. Beda t-tikħil fil-pjan terran u fl-ewwel sular, tkompla wkoll id-dawl, membrane fuq il-bejt, xogħol ta' katusi, xogħol ta' ħadid bħala lqugħ, xkatlar u żebgħa tat-twieqi, twaħħil ta' ħġieġ u ħafna xogħol ieħor li ma jidhirx iżda jieħu ħafna ħin, bħall-armar u żarmar ta' turġien, tindif ta' njam u tindif tal-post. Kollox irid il-ħin tiegħu. Dan l-aħħar inbeda, u jinsab fi stadju avvanzat, ix-xogħol fuq in-niċċa li ser tilqa' l-istatwa ta' Santa Katarina fil-faċċata tal-maħżen, disinn u tkabbir tas-Sur Innoċenzo Centorino, u maħduma mis-Sinjuri Micheal Angelo Darmanin u Charlie Azzoppardi. Nixtieq minn qiegħ qalbi nirringrazzja lil dawk kollha li qed joffru ħinhom biex dan ix-xogħol isir, taħt it-tmexxija tajba taċ-chairman Emanuel Farrugia u l-viċi chairman John Tanti. Għeżież membri, żgur se jkollna maħżen biex bil-provi nkomplu ngħidu 'KEMM AĦNA KBAR' u nipproteġu l-isbaħ armar tal-Festa Titulari.



*Il-Maħżen il-Ġdid jinsab fi stadju avvanzat*

**Ġabra.** Qed ukoll tkompli l-ġabra tal-maħżen. Nitolbukom tkunu ġenerużi kif dejjem kontu. Naċċertakom li l-ispejjeż huma kbar ħafna. Għalhekk nitolbu lil kull min jista' jgħinna aktar biex inkomplu għaddejjin bir-ritmu ta' xogħol li qbadna.

**Manutenzjoni ta' l-armar.** Kif diġa' għidnielkom, din is-sena għandna wkoll il-manutenzjoni tal-pilandri tas-siġar u s-siġar tagħhom, u l-pedestall il-kbir ta' Santa Katarina ta' l-aħħar tridu. Il-vażi u l-pilandri diġa' lesti mix-xogħol ta' xkatlar u żebgħa primarja, grazzi għall-ħabrieki Karmenu Grixti u t-tim tiegħu. L-irħamar beda wkoll mit-tim immexxi mill-bravu Jeremy Cachia. Fil-viċin se jibda' x-xogħol taż-żebgħa fuq is-siġar ukoll. L-induratura qed issir mis-Sur Carmel Schembri, u tinsab fi stadju avvanzat ukoll.

**Pedestall Ġdid.** Ix-xogħol fuq dan il-proġett stmat madwar Lm 9000 miexi b'ritmu tajjeb ukoll. Il-karpintier Charlie Schembri (President Onorarju) diġa' għaqqad ħafna mill-biċċiet tal-pedestall, filwaqt li s-Sur Martin Schembri għadda mijiet ta' piedi ta' gwarniċar fuq disinn tas-Sur I. Centorino. L-iskultura ġiet iddisinjata u mkabbra kollha mis-Sur Jeremy Cachia u ser tibda tinħadem fil-viċin mis-Sinjuri Mario Mangion u Emanuel Catania. Is-Sur Michael Camilleri Cauchi beda wkoll ix-xogħol fuq l-istatwi, filwaqt li sar id-disinn tal-ħadid li ser idawwar il-pedestall mis-Sur Cachia. Dan qed jinħadem mis-Sur John Clements. Inqatgħu ukoll il-pjanċi minni Joey Darmanin, mis-Sur Moses Camilleri u Ray Farrugia, filwaqt li t-tgħawwiġ qed isir mis-Sur Simon Bugeja, u l-iffurmar tas-siġar mis-Sur John Tanti. Qed ikompli wkoll il-ġbir għal dan il-proġett. Għad baqa' aktar xi jsir, għalhekk nitlobkom tkunu ġenerużi fil-kontribuzzjonijiet tagħkom għal dan il-proġett kbir taċ-Ċentinarju. Min jixtieq jagħmel xi kontribuzzjoni għandu javviċina lili jew lis-Sur Jeremy Cachia.

**Function Turisti.** Il-function ta' kull nhar ta' Ħadd għat-turisti issa daħlet fir-raba' xahar tagħha, function li qed tintlaqa' tajjeb mit-turisti preżenti, fejn qed ikollna ħafna tifħir għall-każin, speċjalment għall-arkivju u għas-Sala Ġużeppi Gauci. Fl-istess ħin qed tkun utli ferm bħala fund raising.



*Vażi, gastri u pilandri restawrati*

**Attivitajiet.** ĠITA TA' ĠURNATA CATANIA nhar is-Sibt 5 ta' Marzu. Il-programm ta' din il-ġita se ssibuh bħala insert f'din il-gazzetta. BAZAAR KBIR FIL-MAĦŻEN IL-ĠDID mit-Tnejn 11t'April sal-Ħadd 17 t'April. Ser ikun hemm kotba, toys, ikoni, pjanti, affarijiet ta' l-ikel, fuħħar u aktar bi prezzijiet vera tajbin. BBQ KBIR bħal tas-sena li għaddiet jitħabbar aktar 'il quddiem. ĠURNATA SPLASH AND FUN PARK - dati u nformazzjoni aktar 'il quddiem ukoll. Barra x-xogħol imsemmi qed isiru diskussjonijiet fuq aktar proġetti u anke aktar attivitajiet. Id-dettalji jingħataw fil-ħarġa li jmiss. Aktar ritratti tax-xogħol li sar u qed isir issubuhom fil-website uffiċjali tal-każin. Din is-sena s-Sotto Kumitat ta' l-Armar għalaq ħames snin mit-twaqqif tiegħu nhar il-Ħadd 23 ta' Jannar. Nixtieq nawgura u nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat għax-xogħol għaqli li sar tul dawn is-snin. Biex infakkru dan l-anniversarju se ssir quddiesa ta' ringrazzjament ġewwa l-Knisja ta' Santa Katarina V.M. l-Qrendi, u wara ikla bejn il-kumitat. Grazzi ta' l-appoġġ li tajtuna. Komplu għinuna ħalli flimkien nerġgħu norganizzaw l-aqwa festa ad unur tal-Patruna maħbuba tagħna Santa Katarina V.M.



# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M. - *Richard Farrugia*

Nhar is-Sibt 19 ta' Frar 2005 fis-7.00pm - Programm Mużikali mill-Banda Santa Katarina V.M. li ser jittella' fis-Sala Sir Temi Zammit ġewwa l-Università, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-1700 sena mill-martirju ta' Santa Katarina, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M.,L.R.S.M.

| | | |
|---|---|---|
| Innu taċ-Ċentinarju 305-2005 | | Patri Anton Briffa O.F.M.Cap. |
| | Sebħ tal-Martri Katarina<br>Versi tas-Sur Anthony Mangion | |
| Festive Overture | Overture | Francis Falzon |
| Tosca | Selection | Giacomo Puccini |
| Coppelia | Ballet | Leo Delibes |
| Pastoral Symphony | 3rd and 5th Movement | Ludwig Van Beethoven |
| Oregon | | Jacob de Haan |
| Innu Marċ Banda Santa Katarina V.M. | | Francis Falzon |

N.B. Il-biljetti għad-dħul jinkisbu mingħajr ħlas mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Se jiġi organizzat trasport dirett għall-Università. Qed isiru żewġ kunċerti fil-ġimgħa bħala preparazzjoni għal dan il-programm.

Nhar Ħadd il-Palm, fl-20 ta' Marzu 2005, il-Banda Santa Katarina V.M. se tesegwixxi programm ta' marċi funebri fl-okkażjoni tal-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan ser isir fi Pjazza Repubblika fl-10.30am, dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. Francis Falzon L.(Mus.) L.C.M., L.R.S.M. Ser jindaqqu dawn il-marċi: "To My Late Beloved Wife" ta' Espedito Deguara, "Sulla Tomba" ta' Espedito Deguara, "Rays of Hope" ta' Francis Falzon, "In Memory of Rev.Michael D'Amato" ta' Francis Falzon, "In Memoria Di Giuseppe Agius" ta' Mario Testa, "In Memoria di Giuseppe Gauci" ta' Chris Cachia, "Una Lacrima Sulla Tomba Di Mia Madre" ta' Amadeo Vella, "Perche Mori" ta' M.Vanucci u "Addio per Sempre" ta' G.Giappesi.

Nhar ta' Sibt mit-8.30am sa 12.00pm isiru l-lezzjonijiet ta' l-istrumenti ta' l-injam mis-Surmast Direttur Mro. Francis Falzon. Nhar ta' Ħamis mill-4.00pm sas-6.30pm isiru l-lezzjonijiet ta' l-istrumenti tar-ramm mill-Assistant Surmast Mro.Mario Testa. Kull min jixtieq jingħaqad fit-tagħlim tal-mużika flimkien mal-Banda Santa Katarina V.M. jista' javviċina lis-Surmast jew lid-delegati tal-banda.

Tul is-sena jsir kunċert darba fil-ġimgħa, u f'ċerti xhur isiru anke żewġ kunċerti.

Is-Sibt 23 t'April 2005. Il-Piccola Banda Santa Katarina V.M. tieħu sehem fis-Serata Mużiko Letterarja "Lilek Għażlu u ħabbew Missirijietna" li se tittella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti fis-Sala Mro. Espedito Deguara tal-Każin tal-Banda santa Katarina V.M. Biljetti jinkisbu mill-Każin.

## Recording ta' Marċi Brijużi

Marċi Brijużi 2005-2006 li ġew irrekordjati mill-Banda Santa Katarina V.M. nhar is-Sibt 15 ta' Jannar 2005, taħt it-tmexxija tas-Surmast Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M.,L.R.S.M. fis-Sala Mro.Espedito Deguara, Każin tal-Banda Santa Katarina V.M.

| | |
|---|---|
| Innu Marċja Santa Katarina V.M. | Espedito Deguara |
| Zurricanorum Patrona | Francis Falzon |
| L-Arkivju l-Ġdid | Giulio Tanti |
| L-Ewwel Ġemellaġġ | Mario Testa |
| Catharinae Vox Triumphum | Alan Schembri |
| Festa Ċentinarja 2005 | Chris Cachia |
| Lucca 2004 | Ray. Sciberras |
| St. Katarina (305-2005) | Kenneth J. Frendo |
| Ħames Safriet | Raymond Fenech |
| 600 Sena Ilek Fostna | Francis Falzon |
| Ċentinarju Katrinjan (305-2005) | Josef Cachia |
| Soċjetà Glorjuża | Archibald Mizzi |
| Supremazija | Nikola Bugeja |
| Come On Baldass | Anthony Aquilina |
| Innu Marċ Banda Santa Katarina V.M. | Francis Falzon |

## Il-Mulej sejħilhom biex jidħlu fil-Ferħ ma' Santa Katarina V.M. għal dejjem



| | |
|---|---|
| Il-Membru Carmel Camilleri | 26/09/2004 |
| Il-Membru Fortunata Caruana | 29/09/2004 |
| Dun Salv Farrugia, Ex Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. | 01/12/2004 |
| Il-Membru Michelina Gauci | 04/12/2004 |
| Il-Membru Vincent Hili | 20/12/2004 |
| Il-Membru Anna Cachia | 26/12/2004 |
| Il-Membru Riccarda Camilleri | 28/12/2004 |
| Il-Bandist Onorarju Saviour Caruana | 01/01/2005 |

## Il-Bandist Onorarju Saviour Caruana

Fl-1 ta' Jannar 2005 tħabbret il-mewt tal-Bandist Onorarju Saviour Caruana, fl-età ta' 72 sena. Huwa beda jistudja l-mużika għand is-Surmast Espedito Deguara A.(Mus.)L.C.M. u ħareġ idoqq il-klarinett mal-Banda Santa Katarina V.M. fis-sena 1947. Saviour baqa' attiv fil-banda sa l-aħħar qabel ma' l-Mulej sejjaħlu biex jidħol fil-ferħ ma' Santa Katarina V.M. għal dejjem. Il-funeral sar fit-3 ta' Jannar 2005 fejn ħadet sehem il-Banda Santa Katarina V.M. bil-marċi funebri minn Triq Dun Ġużepp Żammit sa quddiem il-Knisja Arċipretali, immexxija mis-Surmast Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M., L.R.S.M. Ħadu sehem ukoll familjari, membri tas-Soċjetà tagħna, soċjetajiet mużikali oħra u oħrajn. Fil-Knisja ġiet iċċelebrata quddiesa praesente cadavere mill-Arċipriet Dun Karm Farrugia li niseġ omelija, flimkien ma' seba' saċerdoti oħra. Wara saret id-difna fiċ-Ċimiterju ta' San Leone, Bubaqra. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem. - *Richard Farrugia: Chairman Sotto Kumitat Banda.*





# Dun Salv Farrugia

Fl-1 ta' Diċembru 2004 tħabbret il-mewt ta' Dun Salv Farrugia li ġrat fid-dar tal-Kleru, Birkirkara, fl-età ta' 79 sena. Dun Salv twieled iż-Żurrieq fis-16 t'Ottubru 1925 minn Pawlu u Marija Conċetta neè Abdilla. Huwa ġie mgħammed fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. mill-Arċipriet Giovanni Battista Ghigo nhar it-18 t'Ottubru 1925. F'Ottubru 1939 huwa daħal is-Seminarju ta' l-Arċisqof il-Floriana, fejn beda l-istudju għas-saċerdozju. Il-Ħadd 3 t'Awissu 1952, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi għamel l-Ordinazzjoni Sagra lil Dun Salv flimkien ma' 25 saċerdot ieħor. Dun Salv iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-Parroċċa ta' Santa Katarina V.M. il-Ħadd 10 t'Awissu 1952. Huwa twassal mid-dar tiegħu sal-Knisja mill-Banda Santa Katarina V.M. immexxija mis-Surmast Espedito Deguara A.(Mus.)L.C.M. Fil-Konsulta Ġenerali tal-Fratellanza tas-Sagrament u tal-Qalb ta' Ġesù li saret fid-19 t'Ottubru 1952, Dun Salv ġie maħtur unanimament prokuratur ta' din il-fratellanza. Fl-1957 huwa ġie magħżul bħala rettur tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Bubaqra li fis-snin 1967-68 irnexxielu jkabbar. Dun Salv għoġbu jirregala terħa tal-bellus aħmar irrakmata bid-deheb biex tiġi armata fuq l-altar tal-Kunċizzjoni għall-Festa Titulari f'Settembru 1982. Nhar it-22 ta' Novembru 1998, Dun Salv flimkien ma' Dun Mikiel D'Amato ġew mogħtija l-Unur ta' Ċittadin Ewlieni 1998 mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Il-funeral tiegħu sar fl-4 ta' Diċembru 2004. Il-Korteo Funebri mill-Knisja ta' San Ġakbu tmexxa mill-Arċipriet Dun Karm Farrugia. Ħadu sehem il-Fratelli tas-Sagrament u tal-Qalb ta' Ġesù, membri tal-kleru, familjari, membri tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. li tagħha kien direttur spiritwali bejn l-1972 u l-1976, għaqdiet oħra, personalitajiet distinti u oħrajn. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

*- Karmenu Zerafa: President Onorarju.*

## Sezzjoni Nar *- Is-Sur Emmanuel Farrugia*

Il-Festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena għaddew, u hawn se nieħdu l-okkażjoni biex nawguraw is-sena t-tajba lil kulħadd. Organizzajna bosta attivitajiet li bl-għajnuna tagħkom kienu ta' suċċess. Il-Country Nights li qed jiġu mtella' ġewwa l-bar tal-każin qed jiksbu popolarità magħkom, meta tħares lejn l-attendenza numeruża li qed ikollna kull xahar. Kif tafu, qed ikollna mistednin kantanti famużi Maltin tal-Country u menu varjat kull xahar, li flimkien qed iħallu kummenti ta' tifħir min għandkom.



*Ikla organizzata mis-Sezzjoni Nar fil-25 ta' Novembru 2004 fil-Każin*

Erġajna organizzajna n-New Year's Eve Party li f'atmosfera familjari u brijuża kiseb suċċess akbar minn tas-sena l-oħra. Din is-sena fi ħsiebna nintroduċu xi attivitajiet għall-ewwel darba, li avviżi dwarhom se jkunu fuq il-kartellun wara l-bieb tal-każin u fuq posters f'diversi ħwienet ġoż-Żurrieq. Għall-ewwel darba ppublikajna djarju li tqassam mill-każin. Grazzi lil kull min irreklama fuq dan id-djarju għax b'hekk stajna nagħmlu stampi tal-murtali tal-kulur u għollejna l-livell tiegħu. Għalhekk nappellaw biex dan id-djarju tużawh matul is-sena u tużaw ukoll is-servizzi ta' min irreklama fih.

Dawn l-attivitajiet kollha jgħinuna ntaffu ftit mill-ispejjeż kbar li jkollna matul is-sena, biex fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru nilħqu l-għan tagħna, dak li nagħtu spettaklu kbir ad unur tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M., l-aktar f'din is-sena ċentinarja. Għalhekk, se napprofitta mill-ġenerożità tagħkom u nħajjarkom tiġu tikkontribwixxu fl-arbular tan-nar, u tieħdu sehem fl-attivitajiet li norganizzaw kull xahar. Grazzi.



*Kamra tan-Nar ġdida li nbniet dan l-aħħar mid-dilettanti kif ukoll xi xogħol ta' preparazzjoni għall-murtali ta' din is-sena*

## www.stcatherineband.org.mt
## Il-Website Uffiċjali tas-Soċjetà *- Mark Cassar*

Il-website tas-Soċjetà iktar ma' jgħaddi żmien qiegħda dejjem tiġi aktar aġġornata u mimlija b'informazzjoni u ritratti ferm interessanti. Riċentement ġew miżjuda diversi ritratti fuq il-website, ritratti ta' kważi kull avveniment li għandu x'jaqsam mal-festa. Il-website dejjem tkun aġġornata bl-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati mis-Soċjetà biex b'hekk kull min irid jista' jidħol u jara l-attivitajiet li jkunu ser jiġu mtellgħin.

Fil-guestbook nilqgħu kull tip ta' suġġeriment dwar il-website u kull ħaġa oħra li għanda x'taqsam mas-Soċjetà. Kull min għandu xi ritratti li jixtieq itellagħhom *online* fuq il-website, jista' jagħmel dan billi jibagħthom fuq l-email li hemm imsemmija fuq il-website.



# Nota Amministrattiva *mis-Sur Josef Cachia*

Matul dawn l-aħħar tliet xhur, mill-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-Festi Ċentinarji fl-okkażjoni tal-1700 Sena mill-Martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra, diġa' deher l-impenn tas-Soċjetà biex dak li ilu mistenni jitwettaq kif pjanat u kif jixraq lill-Patruna tagħna Santa Katarina.

Meta wieħed iħares lejn dak kollu li ser jiġi organizzat kif indikat f'din it-tielet ħarġa tal-gazzetta 'Zurricanorum Patrona' mill-ewwel tinnota li din is-sena l-impenn huwa wieħed sħiħ bħas-sena li għaddiet u s-snin l-imgħoddija.

Wara li tħejjew il-pjanijiet fis-Sotto Kumitati u saru diversi laqgħat flimkien fi pjan wieħed, issa kulħadd jinsab għaddej bix-xogħol tiegħu f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Il-ħidma kbira biex jiġi organizzat dan iċ-Ċentinarju saħħet aktar lill-membri tas-Soċjetà tagħna biex ix-xogħlijiet li jsiru ta' kull sena jkomplu għaddejjin bir-ritmu normali kif sar fis-snin preċedenti.

Il-pjan li ġie varat fl-aħħar edizzjoni ta' din il-gazzetta biex aktar partitarji jingħaqdu mal-lista tas-soċji u jagħmlu parti mill-familja tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., nistgħu ngħidu li rnexxa kif pjanat. Iżda xorta waħda nkomplu nħeġġu biex aktar partitarji jingħaqdu mas-Soċjetà tagħna. Hawn infakkar ukoll sabiex dawk kollha li għadhom ma ġeddewx il-menswalità tagħhom għas-sena 2005 sabiex javviċinaw lil xi membru tal-Kumitat.

Fit-tmiem ta' din in-nota amministrattiva nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu s-sehem tagħhom f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet b'mod speċjali lil dawk kollha li jimpenjaw ruħhom matul is-sena kollha biex dawn il-Festi Ċentinarji jkunu organizzati u ċċelebrati kif jixraq lil Patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra.

**Attivitajiet:**

- **4 ta' Frar** – Party tal-Karnival għat-Tfal fil-Każin fil-4.00pm.
- **19 ta' Frar** – Kunċert Mużikali mill-Banda Santa Katarina fl-Università fis-7.00pm.
- **Mit-28 ta' Frar sa t-2 ta' Marzu** – Eżerċizzi tar-Randan fil-Każin fis-7.00pm.
- **20 ta' Marzu** – Servizz tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Banda Santa Katarina f'Misraħ Repubblika, ż-Żurrieq.
- **23 t' April** – Serata Mużiko-Letterarja fil-Każin.


**LILEK GĦAŻLU U ĦABBEW MISSIRIJIETNA SERATA MUŻIKO LETTERARJA**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se torganizza Serata Mużiko-Letterarja nhar is-Sibt 23 t'April 2005 fis-Sala Mro. Espedito Deguara tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M.

Ejja u ħu sehem

**FIL-MARATONA TAL-LIEDNA**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se torganizza Maratona tal-Liedna fil-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. mill-Ħamis 10 ta' Marzu sal-Ħadd 13 ta' Marzu 2005.

**Palmisti Promotions - Banana Power**

Sunday: 6th February 2005
Sunday: 6th March 2005
Sunday: 27th March 2005
Sunday: 10th April 2005
Sunday: 24th April 2005

@ St. Catherine Band Club Żurrieq

**Katrina** Merlot

L-Inbid tal-Festi Ċentinarji għall-Bejgħ is-Sena kollha mingħand il-Bar tal-Każin jew mingħand il-Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

**Palace Arena @ St. Catherine Band Club Żurrieq**

Internet Cafè - Big Screen - Amusement Machines. Now you can watch the Main Italian Serie A, English Premiership & European Champions League Football Games on Big Screen.

**ISSIEĦEB MEMBRU MAS-SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI L-EWWEL U L-AQWA SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ FIŻ-ŻURRIEQ**



# Il-Qima u l-Imħabba lejn Santa Katarina ta' Lixandra - *It-Tielet Parti*

Il-pompa u s-solennità li biha l-Ordni ta' San Ġwann kien juri mħabbtu u qimtu lejn Santa Katarina ta' Lixandra, bl-ebda mod ma jbaxxi l-imħabba u l-qima ta' missirijietna Maltin lejn il-Qaddisa Lixandrina, li ħabbewha sa mill-bidu nett tat-tieni era Nisranija. Żgur, iva, l-Ordni ta' San Ġwann saħħaħ u kompla xerred il-kult ta' Santa Katarina: liema kult mal-miġja ta' l-Ordni tal-Kavallieri fl-1530 kien ilu diġa' kważi mitejn sena jixxettel u jikber f'pajjiżna.

Nafu per eżempju li fl-1448 (82 sena qabel il-miġja tal-Kavallieri), il-kappella ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq kienet qed tiġi ristrutturata jew mibnija mill-ġdid. Fil-kappella 'l-ġdida' nafu li barra l-artal prinċipali, wieħed mit-tmien artali l-oħra tal-ġnub kien ukoll iddedikat lill-Patruna tar-raħal. Anke l-kappella ta' Santa Katarina fiż-Żejtun (magħrufa bħala Contrada Santa Caterina sa l-1749), kienet qed terġa' tinbena fl-1492.

F'dan l-istess żmien li qed insemmu, nsibu fil-Katidral ta' l-Imdina x-xbieha ta' Santa Katarina fuq wieħed mill-panewijiet ċentrali taħt il-figura maestuża ta' San Pawl. Din il-biċċa xogħol artistika u fost l-eqdem f'Malta hi attribwita lil Luis Borrassa (1360-1426). Santa Katarina tinsab bilqiegħda ma' San Pietru u Sant'Agata.



*Il-Knisja taż-Żejtun iddedikata lil Santa Katarina V.M.*

Il-Qaddisa tagħna hi wkoll preżenti fuq wieħed mill-panewijiet tas-siġġijiet l-antiki tal-kor li darba kienu fl-istess kor tal-Katidral ta' l-Imdina; illum jinsabu fil-Mużew tal-Katidral. Dawn kienu ġew ikkummisjonati mill-istess Katidral fl-1482. Hawn Santa Katarina tidher wieqfa bix-xabla tagħha fil-ħalq miftuħ ta' ras maqtugħa, miżmuma ħdejn saqajha.

Fil-bidu tas-Seklu 15 insibu lil Santa Katarina preżenti fi kwadru tal-Madonna bil-Bambin, flimkien mal-Qaddisin Pawlu u Wistin. Dal-kwadru għadu sa llum ikkonservat fil-Knisja tal-Patrijiet ta' Santu Wistin fir-Rabat. Ta' l-istess żmien nafu bi kwadru ieħor ta' Santa Katarina fil-Birgu din id-darba fil-Knisja ta' San Duminku. Kwadru ieħor bikri tal-Qaddisa kien fil-kappella ta' Santa Duminka f'Ħaż- Żabbar, illum konservat fil-Mużew tas-Santwarju. Hemm probabiltà li wieħed mill-affreski ta' Bir Miftuħ juri lil Santa Katarina.

Fis-Seklu ta' wara, is-seklu 16, niltaqgħu ma' personaġġ importanti ferm: l-Inkwiżitur u Delegat Appostoliku Pietro Dusina, li fl-1575 żar 414-il kappella fil-gżejjer Maltin u ħallielna deskrizzjoni miktuba tagħhom. Sittax minn dawn il-kappelli kienu ddedikati lil Santa Katarina ta' Lixandra. Fost il-Qaddisin jiġi qabilha biss San Nikola bi 32 kappella. Wara Santa Katarina jiġu San Pawl u San Ġwann il-Battista b'erbatax-il kappella kull wieħed u San Ġorġ bi tlettax. Fuq kulħadd tiġi bla dubju l-Madonna bid-diversi titli tagħha b'168 kappella. Huma ċifri li juru biċ-ċar kemm kienet kbira u qawwija l-qima lejn Santa Katarina ta' Lixandra f'missirijietna. U biex naraw kemm il-qima lejn il-Qaddisa tagħna kienet mifruxa, se nsemmi l-postijiet fejn kienu (uħud għadhom) dawn il-kappelli ta' Santa Katarina. Fiż-Żejtun, fiż-Żurrieq, tnejn fir-Rabat, waħda f'Għawdex (limiti ta' Santa Luċija), fin-Naxxar, f'Birkirkara, fis-Siġġiewi, f'Ħal Qormi, f'Bir Miftuħ, fl-Imqabba, fil-Gudja, f'Ħal Lew, fil-Birgu, fil-Qrendi u fil-Mellieħa. Barra minn dawn il-kappelli, Mons. Dusina jelenka altari ta' Santa Katarina ta' Lixandra, fosthom dak tal-Knisja ta' San Duminku tar-Rabat, tal-Portu Salvu fil-Belt, f'ta' San Filep f'Ħaż Żebbuġ, fil-Gran Kastell f'Għawdex u f'San Pawl Ħal Tarxien.

Mis-seklu 17 'il quddiem bdew jinbnew fuq skala kbira, kif bejn wieħed u ieħor nafuhom illum, il-knejjes parrokkjali ta'pajjiżna, u ħafna minnhom ma naqsux li jdaħħlu lill-Qaddisa Lixandrina fuq l-altari tagħhom. Bormla, l-Isla, il-Birgu, Ħaż Żebbuġ, San Ġorġ Għawdex huma xhieda ta' dan. Anke fis-seklu li għadda, is-seklu 20, diversi knejjes baqgħu isibu post għax-xbieha ta' din il-Qaddisa maħbuba. Insemmu bħala eżempju Marsaxlokk, is-Sannat, San Lawrenz, l-Għarb, il-Katidral u San Ġorġ Għawdex.

Ma rridx ninsa l-Monasteru ta' Santa Katarina ta' Lixandra fil-Belt Valletta, monasteru antik tas-sorijiet tal-klawsura u xejn inqas iż-żewġ fratellanzi ta' Santa Katarina, waħda fiż-Żurrieq imwaqqfa fil-5 t'April 1652 fuq l-altar tal-kor, magħmula tista' tgħid mis-suldati tad-Dejma taż-Żurrieq, u oħra fil-Birgu bil-fratelli tagħha tista' tgħid kollha ħaddiema tal-ħbula li kienu numerużi ħafna fl-inħawi tal-portijiet. Kellhom statwa tal-Qaddisa u kienu jagħmlu festa bil-purċissjoni nhar il-25 ta' Novembru.



*Il-Kappella ta' Santa Katarina ta' Lixandra li tinsab fil-Qrendi*

Illum l-importanza ta' l-altari tal-ġnub tal-knejjes tagħna tista' tgħid spiċċat għal kollox iżda nieħu pjaċir ngħid li xi parroċċi f'Malta għadhom jixegħlu xemgħa fuq l-altari ta' Santa Katarina fosthom f'Ħal Tarxien, fil-Birgu, Ħal Luqa... Tajjeb kieku li ż-Żrieraq u ż-Żwieten imxerrdin ma' Malta jżommu jew idaħħlu din id-devozzjoni qaddisa fejn ikunu billi jieħdu l-inizjattiva huma stess li jaraw li nhar il-25 ta' Novembru l-altari li fihom hemm ix-xbieha ta' Santa Katarina ikollhom xi xemgħat jew xi bukkett fjuri!

Ta' min jgħid li fil-kappella ta' Santa Katarina f'tad-Daħla, ir-Rabat u tat-Torba fil-Qrendi qiegħda ssir quddiesa u festin żgħir nhar il-25 ta' Novembru. Inizjattivi ta' min ifaħħarhom u jissapportjahom!

Design & Printing: Tel: 21250994/3